DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2017/667

tas-6 ta' April 2017

li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2016/849 dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika Popolari tal-Korea

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/849 tas-27 ta' Mejju 2016 dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika Popolari tal-Koreau li tħassar id-Deċiżjoni 2013/183/PESK ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 33(2) tagħha,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fis-27 ta' Mejju 2016, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni PESK 2016/849.

(2) Fid-dawl tal-attivitajiet ta' proliferazzjoni kontinwi mwettqa mir-Repubblika Demokratika Popolari tal-Korea ("ir-RDPK"), jenħtieġ li erba' persuni jiżdiedu mal-lista ta' persuni u entitajiet responsabbli għall-programmi tar-RDPK relatati mal-armi nukleari, mal-missili ballistiċi, jew ma' armi oħrajn tal-qerda massiva jew persuni jew entitajiet li jaġixxu f'isimhom jew taħt id-direzzjoni tagħhom stabbiliti fl-Anness II għad-Deċiżjoni (PESK) 2016/849.

(3) Għalhekk, jenħtieġ li d-Deċiżjoni (PESK) 2016/849 tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness II għad-Deċiżjoni (PESK) 2016/849 huwa emendat kif stabbilit fl-Anness għal din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, is-6 ta' April 2017.

Għall-Kunsill
Il-President
L. GRECH

([1]) ĠU L 141, 28.5.2016, p. 79.

ANNESS

Il-persuni li ġejjin jiżdiedu mal-lista ta' persuni stabbilita fit-Taqsima I.A. tal-Anness II għad-Deċiżjoni (PESK) 2016/849:

I. Persuni u entitajiet responsabbli għall-programmi tar-RDPK relatati mal-armi nukleari, mal-missili ballistiċi, jew ma' armi oħrajn tal-qerda massiva jew persuni jew entitajiet li jaġixxu f'isimhom jew fuq id-direzzjoni tagħhom, jew entitajiet li jappartjenu lilhom jew huma kkontrollati minnhom.

A. Persuni

	Isem	Psewdonimu	Data tat-twelid	Data tad-dežinjazzjoni	Dikjarazzjoni tar-raġunijiet
31	RI Myong Su		Data tat-twelid: 1937 Post tat-twelid: Myongchon, Hamgyong tat-Tramuntana	7.4.2017	ViċiPresident tal-Kummissjoni Militari Ċentrali tal-Partit tal-Ħaddiema tal-Korea u Kap tal-Persunal tal-Forzi Armati Popolari. F'din il-kariga, Ri Myong Su jokkupa pożizzjoni ewlenija għal kwistjonijiet ta' difiża nazzjonali u huwa responsabbli għall-appoġġ jew il-promozzjoni tal-programmi tar-RDPK relatati mal-armi nukleari, mal-missili ballistiċi, jew ma' armi oħrajn tal-qerda massiva.
32	SO Hong Chan		Data tat-twelid: 30.12.1957 Post tat-twelid: Kangwon Passaport: PD836410105 Data tal-għeluq tal-passaport: 27.11.2021	7.4.2017	L-ewwel Viċi Ministru tal-Forzi Armati Popolari, membru tal-Kummissjoni Militari Ċentrali tal-Partit tal-Ħaddiema tal-Korea u Kurunell-Ġenerali fil-Forzi Armati Popolari. F'din il-kariga, So Hong Chan huwa responsabbli għall-appoġġ jew il-promozzjoni tal-programmi tar-RDPK relatati mal-armi nukleari, mal-missili ballistiċi, jew ma' armi oħrajn tal-qerda massiva.
33	WANG Chang Uk		Data tat-twelid: 29.5.1960	7.4.2017	Ministru għall-Industrija u l-Enerġija Atomika. F'din il-kariga, Wang Chang Uk huwa responsabbli għall-appoġġ jew il-promozzjoni tal-programmi tar-RDPK relatati mal-armi nukleari, mal-missili ballistiċi, jew ma' armi oħrajn tal-qerda massiva.
34	JANG Chol		Data tat-twelid: 31.3.1961 Post tat-twelid: Pyongyang, Numru tal-passaport: 563310042	7.4.2017	President tal-Akkademja tax-Xjenza tal-Istat, organizzazzjoni dedikata għall-iżvilupp tal-kapaċitajiet teknoloġiċi u xjentifiċi tar-RDPK. F'din il-kariga, Jang Chol jokkupa pożizzjoni strateġika għall-iżvilupp tal-attivitajiet nukleari tar-RDPK u huwa responsabbli għall-appoġġ jew il-promozzjoni tal-programmi tar-RDPK relatati mal-armi nukleari, mal-missili ballistiċi jew ma' armi oħra tal-qerda massiva.